

Brussell, 26 ta' Mejju 2026
(OR. en)

8848/26

ECOFIN 565
UEM 157
FIN 625
ECB
EIB

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Irkupru ekonomiku fl-Ewropa; Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill fil-qafas tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għall-Bulgarija - Adozzjoni

1. Fl-4 ta' Mejju 2022, il-Kunsill adotta Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni li tapprova l-valutazzjoni pożittiva tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza ("RRP") tal-Bulgarija f'konformità mal-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2021/241, kif tinsab fid-dokumenti ST 8091/22 u ST 8091/22 ADD1.
2. Il-Kunsill emenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni msemmija hawn fuq fit-8 ta' Diċembru 2023, it-18 ta' Lulju 2025, u s-27 ta' Novembru 2025.
3. Fl-24 ta' April 2026, il-Bulgarija għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 minħabba li l-RRP parzjalment ma għadux jista' jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Abbażi ta' dan, il-Bulgarija ppreżentat RRP emendat.
4. Il-Kummissjoni tqis li l-emendi ppreżentati mill-Bulgarija ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilit fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (d), (da), (db), (g), (h), (i), (j) u (k), tar-Regolament (UE) 2021/241.

5. F'dan il-kuntest, abbażi tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2021/241, fit-30 ta' April 2026, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill propożta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) tal-4 ta' Mejju 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Bulgarija, li tinsab fid-dokumenti ST 8816/26 u ST 8816/26 ADD 1.

6. Il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsillieri Finanzjarji eżamina l-propożta fis-26 ta' Mejju 2026 u laħaq qbil dwar it-test, soġġett għal reviżjoni mill-ġuristi lingwisti.

7. It-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti, jinsab fid-dokumenti ST 8819/26 u ST 8819/26 ADD 1.

8. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:

– jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-testi, kif iffinalizzati mill-ġuristi lingwisti, ta':

- a) id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-4 ta' Mejju 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Bulgarija, kif tinsab fid-dokument ST 8819/26.
- b) l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-4 ta' Mejju 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Bulgarija, kif jinsab fid-dokument ST 8819/26 ADD + 1, u

– jirrakkomanda lill-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni msemmija hawn fuq flimkien mal-Anness tagħha bħala "Punt A" f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.